MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 64/1990/1

**Joseph Borg fil-kapacita` tieghu ta’ Direttur tas-socjeta` J.E.M. Investments Limited, ghan-nom u in rappresentanza ta’ l-istess.**

**vs**

**Norman Buckle fil-kwalita` tieghu ta’ Direttur tas-socjeta` Chevron Limited, ghan-nom u in rappresentanza tal-istess;**

**Norman Buckle u**
**Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta’ diretturi tas-socjeta` B & B Property Development**

**Company Limited ghan-nom u in rappres-entanza tal-istess.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni tat-22 ta’ Jannar, 1990 l-attur nomine ppremetta illi huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta Chevron Limited fis-somma ta’ LM28,500 l-oltre l-imghax dovuta u dan skond kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan Nutar Victor John Bisazza ghall-iskadenza bejn 27 ta’ Marzu 1989 sal-26 ta’ Settembru, 1989; illi s-socjeta` konvenuta B & B Property Development Company Limited hija solidalment marbuta mas-socjeta` Chevron Limited ghall-hlas lura tad-debitu u l-obbligi kollha assunti; illi s-socjetajiet konvenuti gew interpellati biex ihallsu dan id-debitu oltre l-imghax pero` xorta baqghu inadempjenti; wara dan l-attur nomine talab lill-allura Qorti tal-Kummerc li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ LM28,500 oltre l-imghax dovuti skond kuntratt tal-27 ta’ Settembru, 1986 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza ghall-iskadenza li ghalqet fis-26 ta’ Settembru, 1989.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru 1989 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni b’riserva ghal kwalsiasi azzjoni ohra ghal hlas ta’ penali, multi, interessi u danni naxxenti mil fuq imsemmi kuntratt.

B’nota pprezentata fit-22 ta’ Frar 1990 il-konvenuti nomine eccepew illi:-

a) Fl-ewwel lok li l-ammont mitlub mhux dovut jew mhux dovut fl-interezza tieghu billi kif jirrizulta mill-konteggi li jridu jsiru bejn il-partijiet l-esponenti hallsu ammont akbar mill-iskadenzi li saru dovuti sa issa;

b) Fit-tieni lok li l-ammont m’hux dovut billi l-attur jinsab inadempjenti f’l-obbligi minnu assunti fuq l-istess kuntratt fis-sens li jonora l-obbligi kollha naxxenti mill-kuntratt l-iehor kontestwalment konkjuz bejn il-partijiet. Difatti hemm

ammonti ta' income tax dovuti f'ammont superjuri ghal dak mitlub fic-citazzjoni ghal-liema l-attur huwa skond l-istess kuntratti responsabbli.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1993 l-allura Qorti tal-Kummerc iddisponiet minn din il-vertenza billi laqghat it-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' tnax-il elf u hames mitt lira maltin (LM12,500) filwaqt li dwar il-kap tal-ispejjez ipprovdiet li dawn jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti u rriservat kull azzjoni ohra spettanti lill-kontendenti *si et quatenus*.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti wara li osservat li l-provi tal-partijiet kienu konfuzi qalet hekk:
*"Minn dan it-tahwid kollu, il-Qorti kellha tasal ghal konkluzzjoni. Meqjus kollox hija tal-fehma li l-konvenut nomine rnexxielu jadduci prova li ta' lanqas mill-ammont mitlub kien skonta pagament ta' sitt elef lira maltin (LM6000) u zewg pagamenti ohra ta' hamest elef lira maltin-il wiehed (LM5000) – b'kollox ghalhekk ghall-ammont komplessiv ta' sittax-il elf lira maltin (LM16,000). Mhux eskluza pagament ta' interessi jew ohrajn ulterjuri pero` l-verifika tal-kontijiet bejn il-kontendenti tinsab fi stat imprecizat u inkonkjuz.*
*Billi l-attur nomine talab l-ammont ta' LM28500 ifisser li huwa fadallu jircievi minghand il-konvenut nomine l-bilanc ta' LM12500 (tnax-il elf u hames mitt lira maltin)."*

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attur nomine kif ukoll il-konvenuti nomine. Anzi l-istess konvenuti nomine sahansitra l-ewwel ghamlu appell principali li gie prezentat fid-29 ta' Ottubru 1993 u sussegwentement mar-risposta ghall-appell tal-attur nomine ghamlu wkoll appell incidentali. Jigi rilevat pero` li sija l-aggravji kif ukoll it-talbiet fl-appell principali u l-appell incidentali tal-konvenuti nomine huma identici.

**L-appell tal-attur nomine.**

Fil-petizzjoni tal-appell tieghu l-attur nomine talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza fuq imsemmija billi tilqa’ t-talba tieghu kontra l-konvenuti appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati u dana billi kif gie sottomess fil-petizzjoni tal-appell “*illi l-konvenuti appellati huma debituri ghall-iktar mis-somma ta’ LM28,500 u dan skond kuntratt tas-27 ta’ Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza ghall-iskadenza bejn is-27 ta’ Marzu 1989 sas-26 ta’ Settembru 1989.”*

**L-appell tal-konvenuti nomine.**

Fl-appell tal-konvenuti nomine, (kif ukoll fl-appell incidentali minnhom maghmul mar-risposta ghall-appell tal-attur nomine), din il-Qorti qed tigi mitluba li “*tirriforma l-precitata sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-5 ta’ Ottubru, 1993 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tikkonfermha biss in kwantu konkludiet li l-ammont ta’ sittax-il elf lira maltija kien thallas mill-konvenuti lill-attur, tirrevoka fil-kumplament u b’hekk tiddecidi billi wara li tichad t-talbiet tal-attur, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.”* Dana abbazi ta’ tlett aggravji minnhom mressqa u cioe` li l-Ewwel Qorti:-

a) naqset li tiddecidi kompletament it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u injoratha daqs li kieku ma kienitx giet sollevata;

b) naqset li tiehu in konsiderazzjoni zewg ammonti li gew ammessi bhala mhallsa f’wiehed mill-istatements presentat mill-istess attur;

c) ma hadet bl-ebda mod in konsiderazzjoni l-fatt li ssemma fix-xhieda li l-imghax ma kienux kalkulati korrettement mid-data li l-pagament kien sar u b’hekk kien hemm avarija fil-mod kif gew mahduma l-bilanci dovuta.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti.**

Jidher li din il-Qorti, kif diversament komposta, hasset l-htiega li tigi puntwalizzata ezatt il-vertenza ta’ bejn il-kontendenti. Infatti fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif diversament komposta, tat-22 ta’ April, 1996 gie

verbalizzat hekk mill-partijiet, debitament assistiti mid-difensuri taghhom:-

*"Il-kontendenti jaqblu illi ghall-fini ta' din il-kawza id-divergenza dwar il-konteggi tista' tigi limitata ghall-provi tal-pagament o meno ta' tliet ammonti minn hamsa mhux accettati mill-appellant Borg. Dan fis-sens illi jekk wara finalment jirrizulta illi l-ammont pretiz kien dovut fil-mument tal-prezentata tac-citazzjoni, it-talba tigi milqugha ndipendentement mill-konteggi finali tal-kontendenti."*

Wara li gie verbalizzat kif riportat hawn fuq din il-Qorti, dejjem kif dak inhar komposta, ordnat hekk:-

*"L-appellant Buckle u Balzan ghandhom jipprezentaw prospett ta' l-ammont li skond huwa kien dovut sat-22 ta' Jannar, 1990 inkluz l-imghax, li ghandu jigi prezentat fir-Registru 15 il-gurnata millum bil-visto tal-kontroparti."*

Dakinhar l-appell gie differit ghall-kontinwazzjoni u ghat-trattazzjoni ghall-15 ta' Mejju, 1996 biss mil-verbal ta' dik l-udjenza jidher li l-konvenuti appellanti kienu naqsu li jipprezentaw dak li kien gie ordnat lilhom fl-udjenza tat-22 ta' April, 1996 u ghalhekk regaw inghataw zmien sas-6 ta' Gunju, 1996 biex jottemperaw ruhhom mal-ordni tal-Qorti.

Fit-30 ta' Mejju, 1996 il-konvenuti Buckle u Balzan pprezentaw nota fir-Registru tal-Qorti ma' liema, filwaqt li pprezentaw "Statement" li, skond huma, kien jirraprezenta l-ammonti dovuti, il-pagamenti maghmula, l-imghaxijiet komputati fuq il-bilanci u l-bilanc dovut wara l-15 ta' Marzu, 1989, ipprezentaw ukoll kopji ta' zewg ittri, it-tnejn datati 27 ta' Marzu, 1996 u indirizzati lil Kummissarju tat-Taxxi Interni fejn jissemmew pagamenti ta' LM21,926 u LM12,996 "*in settlement of tax not in dispute*" koncernanti l-kumpaniji B&B Property Development u University Heights Ltd. u dana ghas-snin hemm indikati. Gew ukoll pprezentati erba' "workings" ta' taxxa dovuta, tnejn ghall-kumpaniji fuq imsemmija, u tnejn ohra fir-rigward ta' Paola Development Co. Ltd u J&V Finance & Investments Co. Ltd.

Jigi rilevat li d-dokumenti hawn fuq imsemmija, eccetto l-istatement, filwaqt li l-produzzjoni taghhom qatt ma kienet

awtorizzata minn din il-Qorti, gew hekk pprezentati in kwantu jirriflettu fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellanti u cioe` *"li l-ammont mhux dovut billi l-attur jinsab inadempjenti fl-obbligi minnu assunti fuq l-istess kuntratt fis-sens li jonora l-obbligi kollha naxxenti mill-kuntratt l-iehor kontestwalemnt konkjuz bejn il-partijiet. Difatti hemm ammonti ta' income tax dovuti f'ammont superjuri ghal dak mitlub fic-citazzjoni ghal-liema l-attur huwa skond l-istess kuntratti responsabbli."*

Fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 1996 gie verbalizzat kif hawn taht riprodott:-
*"Dr. Edward Debono b'referenza ghan-nota presentata mill-konvenut fit-30 ta' Mejju, 1995 jiddikjara li ghal fini ta' din il-kawza stante li l-ammont li l-konvenuti appellanti jghidu li l-ammont (sic) li ghandhom jaghtu jeccedi LM28,500. Huwa m'ghandu xejn x'izid in kwantu ghal dokumenti ta' hlas ta' taxxa huwa jsostni illi sal gurnata tal-lum ghadu ma giex notifikat ai termini tal-kuntratt tas-27 ta' Settembru, 1986 fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza.*
*Il-Profs Refalo* (ghall-konvenuti) *jiddikjara li l-hlas ta' taxxa u li r-rizultanti dokument sar* <u>*recentement*</u> (enfazi tal-qorti) *wara qbil ma l-attur quddiem l-accountant. L-attur jiddikjara li ma jaqbilx ma dan."*

Hawn proprju tinsab is-soluzzjoni tal-vertenza.

**Dwar il-bilanc dovut.**

Fic-citazzjoni odjerna l-attur qed jitlob specifikatament il-hlas tas-somma ta' LM28,500 a tenur tal-kuntratt pubblikat minn Nutar Victor John Bisazza fis-27 ta' Settembru, 1986 u liema ammont qed jigi reklamat ghall-iskadenza tas-26 ta' Settembru, 1989.

Issa mid-dokument A a fol 213 tal-process, liema dokument jikkonsisti fi "Statement" ppreparat mill-istess konvenuti, jirrizulta li, skond huma stess, wara li sar il-pagament ta' LM46,674 fil-15 ta' Marzu, 1989, kien fadal bilanc ta' LM31,335.89. Jirrizulta wkoll skond l-istess statement li wara dik id-data ma sar ebda pagament iehor. Ghalhekk jsegwi, u dan dejjem skond l-istess "statement"

tal-konvenuti, li meta waslet l-iskadenza tas-26 ta' Settembru 1989, kien ghad fadal bilanc favur l-attur nomine f'ammont in eccess ta' dak li huwa kien qed jitlob fic-citazzjoni. U dan ukoll meta tiehu in konsiderazzjoni dawk il-pagamenti kkontestati mill-attur nomine. Minn dan jidher li t-talba attrici kienet gustifikata u kellha tigi akkolta fl-interezza taghha.

**Dwar it-taxxa dovuta mill-attur nomine.**

Fil-pagina (9) u (10) tal-kuntratt (fol. 13 u 14 tal-process) ppubblikat minn Nutar Victor John Bisazza fis-27 ta' Settembru, 1986, mertu tal-kawza odjerna, jinghad espressament hekk:-
*"Dana premess sabiex jiggarantixxi ulteriorment l-obbligi kollha assunti mill-komparenti Joseph Borg f'ismu proprju u dawk assunti minn uliedu l-imsemmijin ahwa Borg fuq dana l-att u dawk assunti minn Marks and Charles Limited l-istess komparenti Joseph Borg f'isem u in rappresentanza tall-imsemmija Kumpanija J.E.M. Investments Limited jakkorda il-fakolta` lil Chevron Limited illi f'kaz li l-komparenti Joseph Borg proprio jew uliedu jew Marks and Charles Limited jibqaw inadempjenti fl-obbligi minnhom assunti fl-imsemmi kuntratt, minn issa u b'dana l-att jawtorizzaw lill Chevron Limited li jwaqqaf il-pagamenti semestrali u jieqfu jiddekorru l-imghaxijiet sakemm tibqa' l-imsemmija inadempjenza .............. basta li dina l-inadempjenza tkun notifikata u tibqa hekk issehh ghal zmien gimgha b'ittra ufficjali minghuta lill-mutwant."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghal ahjar kjarezza jigi rilevat li l-kuntratt li jissemma f'din il-klawsola huwa dak li gie pubblikat ukoll minn Nutar Victor John Bisazza fl-istess data u cioe` fis-27 ta' Settembru, 1986 (li kopja tieghu tinsab a fol. 60 et sequitur tal-process) u li l-mutwant, hawn fuq imsemmi huwa l-istess socjeta` J.E.M. Investments Limited.

Issa fil-kuntratt li ghalih saret referenza fil-kuntratt meritu ta' din il-kawza u cioe` fil-pagna 6 (fol 65 tal-process) hemm stipulat hekk:-

*"Il-partijiet jaghmlu referenza ghat-taxxa u multi li jistghu ikunu dovuti mis-socjetajiet in kwestjoni lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u l-komparenti Joseph Borg propio et nomine qieghed jobbliga ruhu li jibqa responsabbli ghal u jhallas lill-komparenti l-ohra u lis-socjetajiet in kwestjoni in-nofs (1/2) ta' kull Taxxi jew Multi li l-imsemmi Dipartiment jitlob u li jkollu dritt ghalihom minnghand l-istess socjetajiet u li l-istess Dipartiment ikun effettivament irceva minnghand l-imsemmija Socjetajiet li l-Azzjonijiet taghhom ikunu qeghdin jigu trasferiti b'dana l-att. Dana l-hlas mill-komparenti Joseph Borg ghandu jsir fi zmien gimghatejn minn l-ispedizzjoni ta' ittra registrata li fiha jkun hemm kopja tar-ricevuta tat-Taxxa jew Multa imhallsa mis-Socjetajiet.........."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ma hemmx dubbju li kull nuqqas da parti tal-attur nomine li jonora l-obbligi imposti fuqu u minnu accettati fir-rigward tal-hlas tat-taxxa jew multi li jistghu jigu mposti fuq is-socjetajiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi, jammonta ghall-inadempjenza kuntrattwali kontemplata fil-pagina disgha tal-kuntratt ta' mutwu meritu ta' din il-kawza. Konsegwentement tali nuqqas seta' jgib l-konsegwenzi hemm kontemplati, fosthom li l-"mutwatarji" jwaqqfu l-pagamenti semestrali u jieqaf ukoll l-imghax. Dan huwa l-import tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti nomine.

B'dana kollu sabiex il-mutwant Joseph Borg nomine jissubixxi dak li gie impost fuqu u li hu accetta volontarjament, il-konvenuti jridu jottemperaw ruhhom ma' dak li hemm dispost fiz-zewg kuntratti imsemmija. U cioe` li dawn ghandhom javzaw lill-istess Joseph Borg permezz ta' ittra registrata "*li fiha jkun hemm kopja tar-ricevuta tat-Taxxa jew Multa imhallsa mis-socjetajiet".* La darba jsir dan l-istess Joseph Borg jkun obbligat li jirrifondi sehemu tat-Taxxa jew Multa, skond l-istess kuntratt, fi zmien gimghatejn. Kwalunkwe nuqqas f'dan ir-rigward da parti ta' l-attur nomine ma jaghtix id-dritt lill-konvenuti li jzommu l-pagamenti semestrali dovuti a tenur tal-kuntratt mertu ta' din il-kawza, billi kif rajna aktar 'l fuq sabiex jitwieled dan id-dritt tal-konvenuti, l-istess Joseph Borg irid jibqa'

inadempjenti sa zmien gimgha wara notifika lilu tal-obbligi tieghu permezz ta' ittra ufficjali.

Issa jirrizulta li mhux talli l-attur nomine qatt ma gie notifikat la b'ittra registrata bl-obbligu tieghu ghal-hlas tat-Taxxa jew Multi skond kopja hemm annessa, talli qatt ma intbghatet ittra ufficjali ai termini tal-kuntrat ta' mutwu f'dan ir-rigward. Infatti kif jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Gunju, 1996, id-dokument rigwardanti l-**hlas tat-taxxa** kien sar biss recentement. Infatti l-ittri Dok B1 u B2 (a fol 215 u 216 tal-process) mibghuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jgibu d-data tas-27 ta' Marzu, 1996. U ghalhekk meta giet intavolata l-kawza odjerna u meta giet imressqa t-tieni eccezzjoni (fuq riprodotta) tal-konvenuti zgur li l-attur nomine ma setghax jkun inadempjenti kif jinghad fl-istess eccezzjoni. Dan apparti l-fatt li, anke jekk illum l-ammont reklamat mill-konvenuti nomine bhala rifuzjoni ta' taxxa huwa verament dovut, sabiex l-attur nomine jista` jigi dikjarat inadempjenti jridu jigu sodisfatti l-parametri fuq imsemmija. Din l-eccezzjoni ghalhekk mhux gustifikata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti filwaqt li tichad l-appell principali tal-konvenuti nomine kif ukoll l-appell incidentali taghhom, tilqa' l-appell tal-attur nomine billi tiddikjara li l-ammont kollu reklamat fic-citazzjoni kien fid-data tal-presentata tac-citazzjoni, u sahansitra llum, dovut fl-intier tieghu; konsegwentment tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet premessi billi tilqa' t-talbiet attrici kif proposti fic-citazzjoni u b'hekk tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf u hames mitt lira maltin (LM28,500) oltre l-imghax dovut kif mitlub.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-prim istanza, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti nomine solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------